ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 24/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 21 ta' Jannar, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17:00hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal- Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' familja, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 23

24.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 23 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. *SPI*/SCI/8/2020 dwar Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Raħal Kulturali tas-Sena 2022 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

24.3.1.1 Is-Sindku spjega li din hija espressjoni ta' interess biex belt jew raħal f'Malta/Għawdex jingħażel bħala l-Belt jew ir-Raħal Kulturali għas-sena 2022, fejn il-belt/raħal magħżul jingħata budget ta' €200,000 biex jiġi implimentat program kulturali li jrid ikun jinkludi attività kulturali kull xahar tas-sena minn Jannar sa Diċembru 2022. L-applikazzjoni jagħlqu fit-8 ta' April, 2021.

24.3.1.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u ġie deċiż li għal din is-sena mhux ser ikun qed japplika għal din l-espressjoni ta' interess.

24.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. *SPI*/SCI/9/2020 bit-tema 'Insaħħu l-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali' mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

24.3.2.1 Is-Sindku spjega li din l-iskema ser tkun qed tagħti assistenza finanzjarja sabiex ir-Reġjuni jkunu f'pożizzjoni li jingaġġaw numru ta' persuni, speċjalizzati/kwalifikati, sabiex jassistuh fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu u jipprovdu għajnuna lill-Kunsilli Lokali. Dawn jinkludu Uffiċjal Kulturali; Uffiċjal għall-Immaniġjar tal-Proġetti; Uffiċjal Ambjentali; Uffiċjal Amministrattiv fuq Fondi; Uffiċjal tal-ICT; u Uffiċjal responsabbli mill-*Waste Management*.

24.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/1/2021 dwar Skema ta' Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

24.3.3.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ibbenifika minn din l-iskema fis-sena 2019, biex tiġi restawrata l-Arkata ta' San Ġakbu, u għaldaqstant ma kienx eleġibbli li japplika.

24.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand il-Comité de Jumelage Rousset rigward it-talba li l-Kunsill kien għamel biex isir skambju ta' tpenġijiet mit-tfal tal-Iskola Primarja Ħal Kirkop għat-tfal tal-Iskola ta' Rousset. Il-Kunsill ġie infurmat li ħadd mill-klassijiet ma kien ipparteċipa u għaldaqstant talbu jekk hux possibbli li jsir xi skambju ta' ittri bejn iż-żgħażagħ.

24.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li ngħaddu din il-proposta lis-Sotto Kumitat Ġemellaġġ biex nieħdu *feedback* minn għandhom dwarha u wara jerġgħu jiddiskutu.

24.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand residenta rigward ħsara li għamlet fil-vettura tagħha minħabba ħofra li kien hemm fi Triq San Nikola.

24.3.5.1 Is-Sindku kompla jgħid li din il-ħsara kienet fi żmien il-Milied u kien hu stess li mar isewwi l-ħofra meta kien infurmat x'ġara.

24.3.5.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u ġie deċiż li r-residenta titħallas tal-ħsara li ġarbet skont l-irċevuti mgħoddija lill-Kunsill.

24.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand residenti fi Sqaq San Leonardu fejn talbet biex issir bozza minħabba li fl-isqaq hemm ħafna dlam.

24.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u ġie deċiż li ssir bozza mal-arblu minħabba d-dlam kbir li jkun hemm f'dan l-isqaq.

24.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand resident fi Triq il-Kbira, fejn dan reġa' talab, li sakemm issir it-triq bit-tarmak minn Infrastracture Malta, isiru s-sinjali biż-żebgħa biex ma jsirx parkeġġ ħażin kif qed isir bħalissa.

24.3.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u ġie deċiż li l-Kunsill jiċċekkja meta ser jibda x-xogħol minn Infrastracture Malta fi Triq il-Kbira u wara jerġgħu jiddiskutu.

24.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar rigward użu tal-Kumpless Sportiv f'Ħal Kirkop mill-Kunsilli li jagħmlu parti mir-Reġjun.

24.3.8.1 Is-Sindku spjega li r-Reġjun talab biex jekk il-Kunsill għandu xi inizjattiva ta' attività fiżika li jixtieq jagħmel, ir-Reġjun Nofsinhar lest li jagħti l-għajnuna biex isir dan il-koordinament flimkien ma' Sport Malta.

24.3.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u ġie deċiż li ninfurmaw lir-Reġjun li l-Kunsill huwa interessat jekk ir-Reġjun Nofsinhar jorganizza klassijiet u l-Kunsill ikun jista' jagħmel *share* tal-poster fuq il-midja soċjali biex iħajjar lir-residenti ta' Ħal Kirkop jingħaqdu f'dawn il-klassijiet.

24.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Lokali. Din il-polza tiswa €65 u tkopri perjodu ta' sena.

24.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jsir il-ħlas għal din il-polza tal-assigurazzjoni.

24.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-*Personal Accident Policy*. Din il-polza tiswa €30 għal kull persuna u tkopri perjodu ta' sena.

24.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena din il-polza ma titħallasx. Il-Kunsill diġa' qed iħallas il-Health Insurance għall-impjegati kollha tiegħu.

24.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Ambjent Malta rigward laqgħat li jixtiequ li jsiru mal-Kunsilli Lokali dwar l-ambizzjonijiet tal-Kunsill fejn jidħlu proġetti ambjentali u ssir ħidma konġunta biex isir pjan ħolistiku għall-pajjiż kollu.

24.3.11.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li jixtieq li jsir xi ħaġa fi Triq ir-Ramlija fejn ġejjin il-*bring-in-sites*. Is-Sindku ser ikun qed jagħmel *sketch* tal-*area* biex ikunu jistgħu jerġgħu jiddiskutu.

24.3.11.2 Il-Kunsilliera komplew jiddiskutu l-korrispondenza ta' Ambjent Malta u ġie deċiż li l-ewwel jaraw pjan bejniethom biex wara jkun jista' jsir pjan li jiġi diskuss ma' Ambjent Malta.

24.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*Accountant* tal-Kunsill kienet bagħtet kwotazzjoni biex isir reviżjoni tal-ħlas għas-servizz tagħha, b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

24.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-kwotazzjoni u kkonkludew li din hija żieda raġonevoli meta kkumparata mal-prezz tas-suq u x-xogħol tal-*Accountant* huwa tajjeb ħafna.

24.3.12.2 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex isir kuntratt mal-*Accountant* bil-ħlas rivedut, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

24.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu bżonn jagħmel *upgrade* tas-sistema tal-alarm tal-Kunsill.

24.3.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li nitkellmu mal-kumpanija li qed jaħdmulna s-CCTVs biex jaraw x'hemm bħonn li jsir u jinġabru stimi.

24.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien għamel spezzjoni f'Misraħ Ħal Kirkop u f'Misraħ San Leonardu biex jara fejn l-aħjar jitwaħħal meter tad-dawl biex ikunu jistgħu jsiru CCTVs fl-akwati.

24.3.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li l-Kunsill imexxi biex issir il-*camera* f'Misraħ San Leonardu bil-meter tad-dawl jitwaħħal f'Misraħ Ħal Kirkop biex ikun jista' jintuża fl-attivitajiet tal-Kunsill.

24.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti hu kien tkellem mal-*electrician* rigward il-problema tad-dawl f'Misraħ iż-Żerniq.

24.3.15.1 Is-Sindku spjega li hu iltaqa' mal-kumpanija li għamlu l-panelli għax dawn ma kienux qed jaħdmu. Is-Sindku qal li dawn issewwew u issa reġgħu qed jiġġeneraw l-elettriku.

24.3.15.2 Apparti hekk għadu qed jistenna li jitlaqa' mal-*electrician* biex jiġu diskussi l-problemi fid-dawl.

24.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li x-xogħol fi Triq Valletta k/m Triq Danny Cremona k/m Triq San Pietru kien miexi. Hu qal li kien bagħat xi pjanti lill-Perit ta' Infrastracture Malta u kien qed jistenna mingħandu. Hu kompla jgħid li kien ser jibgħat *reminder* dwarhom.

24.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien tkellem ma bennej rigward ix-xogħol tal-ġebel biex tiġi rranġata l-grada tal-Kunsill.

24.3.17.1 Is-Sindku qal li kienet intalbet stima għal dan ix-xogħol, liema stima tammonta għal €1600 inkluż il-VAT u l-materjal kollu. Jekk ikun hemm konferma, il-bennej jista' jibda dan ix-xogħol fi Frar 2021.

24.3.17.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan ix-xogħol u kkonfermaw din l-istima.

24.3.17.3 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li x-xogħol tal-ġebel biex tiġi rranġata l-grada tal-Kunsill isir skont l-istima ta' €1600, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

24.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li saret il-laqgħa dwar it-toqob tan-nar tal-art.

24.3.18.1 Is-Sindku spjega l-każini aċċettaw li jagħmlu x-xogħol huma u l-ispejjeż tal-materjal joħorġu l-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill ser iġib stimi tal-materjal kollu biex ikun jista' jara kemm se tkun l-ispiża u jimxi minn hemm.

24.3.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li t-terminu tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kien jagħlaq fid-9 ta' Frar, 2021, peress li din il-ħatra tkun għal tlett xhur.

24.3.19.1 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill xtaqx li jerġa' jinnomina lis-Sna. Antonella Galea bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

24.3.19.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din in-nomina u qablu unanimament magħha.

24.3.19.3 Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tara jekk is-Sna. Galea hux lesta li taċċetta din in-nomina u jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'din in-nomina

24.3.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien għaddej bix-xogħol fuq l-LC Care Project liema proġett jitratta dwar il-ħarsien tal-i*stray cats*.

24.3.20.1 Is-Sindku spjega li nħareġ *poster* fuq il-midja soċjali biex tinġabar lista tal-*feeders*. Hu qal li kien talab ukoll biex jiġbor *vouchers* tan-*neutering*.

24.3.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien għadu kif ġie infurmat li d-Dipartiment tal-Parks kien waqa' taħt id-dekasteru tal-Ministru Miriam Dalli.

24.3.21.1 Is-Sindku kompla jgħid li għaldaqstant fir-rigward tal-proġett għall-*observation area* tal-ajruplani li kien qed jiġi diskuss mal-Parks, il-Kunsill ser ikun qed jitkellem mal-Ministru Miriam Dalli fil-laqgħa li ser issir magħha fil-jiem li ġejjin.

24.3.22 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward tal-impjieg tal-ġardinar, sa issa l-Kunsill kien qed jistenna risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kif kien se jmexxi.

24.3.22.1 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-materja u qablu li l-Kunsill għandu jibgħat jinforma lill-Jobs Plus u jitlob li skont l-approvazzjoni tal-Kunsill dan l-impjieg għandu jiġi reġistrat.

24.3.23 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. *SPI*/SCI/2/2021 dwar Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

24.3.23.1 Is-Sindku spejga li dan il-finanzjament qed jiġi varat biex jgħin lill-Kunsilli Lokali jiżviluppaw u jtejbu l-*playing fields* fil-lokalitajiet tagħhom. Il-proposti għandhom jinkludu l-objettivi u l-kriterji msemmija fiċ-ċirkulari u l-applikazzjonijiet jagħlqu nhar il-Ġimgħa, 23 ta' April, 2021.

24.3.23.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-ċirkulari u ġie deċiż li s-Sindku Terence Agius u l-Kunsillier Cody Galea jiltaqgħu u jiddiskutu dwar titjib li jista' jsir u jressqu l-proposti għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

24.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn li tiġi rranġata s-*soft area* li hemm fi Triq ir-Ramlija, il-parti fejn il-Kunsill għandu l-ħsieb li jpoġġi l-*bring-in sites*. Din l-*area* għandha tiġi rranġata b'siġar u bankijiet kif jixraq għal din l-akwata.

24.4.1.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din l-ideja u qablu mal-Viċi Sindku. Is-Sindku ser ikun hemm jagħmel sketch biex jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

24.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa jekk id-Day Centre kienx qed jiltaqa'.

24.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius wieġeb li d-Day Centre għadu jiltaqa'. Dan għalkemm il-Kunsill ma jaqbilx li dan ikun miftuħ u minn meta faqqet il-pandemija kien talab li dan jingħalaq.

24.4.2.2 Is-Sindku kompla jgħid li l-AAKK ħadu deċiżjoni li dan jibqa' miftuħ u l-Kunsill ma għandux kontroll fuq din id-deċiżjoni.

24.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar is-*sleeping police* fi Triq Dun Ġużepp Barbara.

24.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill talab għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar issuġġerixxa li jsir ħadid li jservi biex jostakola l-karozzi milli jidħlu fuq il-bankini u fl-istess ħin ikun jista' jsir reklamar fuqhom.

24.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titkellem mal-ħaddied li ħadem il-puġġaman tar-rampi tal-iskola biex jagħmel *sample* u jagħtina stima. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

24.4.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li s-Sinjura Connie Buttigieg, awtriċi lokali kienet kitbet ktieb dwar il-ħajja tal-grupp mużikali Malti Tribali.

24.4.5.1 Il-Kunsillier Cassar qal li s-Sinjura Buttigieg xtaqet tippreżenta ktieb lill-Kunsill.

24.4.5.2 Il-Kunsilliera ħadu gost ħafna b'dan ix-xogħol importanti li sar minn awtriċi minn Ħal Kirkop. Huma ddiskutew dan u qablu li jinxtraw kopji ta' dan il-ktieb għall-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill u kif ukoll għal-librerija.

24.4.5.3 Il-Kunsill ser ikun qed jistieden lis-Sinjura Buttigieg u rappreżentanti mill-grupp Tribali biex issir preżenetazzjoni uffiċċjali ta' dawn il-kotba.

24.4.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-kumpanija ST Microelectronics kienu infurmaw lill-Kunsill li kienet ser issir Clean Up f'Ħal Kirkop fl-area Tar-Robba.

24.4.6.1 Il-Kunsillier Cassar qal li din hija inizjattiva tajba ħafna u hu xtaq jattendi biex juri s-sapport tal-Kunsill.

24.4.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li s-Sindku Terence Agius, il-Kunsilliera John Luke Cassar u Cody Galea u s-Segretarju Eżekuttiv Antonia Demicoli jattendu u jieħdu sehem f'din il-Clean Up.

24.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar ix-xogħol tas-sinjali tat-traffiku li kellhom isiru fi Triq Danny Cremona.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ix-xogħol kellu jsir fil-ġurnata li saret il-laqgħa, jiġifieri suppost kien lest.

24.4.8 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu kien ser jistaqsi dwar ix-xogħol fi Triq Valletta peress li kien hemm ħafna tgergir mir-residenti imma s-Sindku kien diġa' tkellem fuq dan is-suġġett fil-komunikazzjoni tiegħu.

24.4.9 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:00hrs.

## 24.5 Rapport tal-Ilmenti

24.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva ilment dwar *overspeeding* fi Triq San Pietru u r-residenta talbet biex isir *sleeping police* fil-parti tal-*green grocer*.

24.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan l-ilment u ġie deċiż li dan ma jsirx minħabba li r-residenta li għamlet l-ilment ma toqgħodx fi Triq San Pietru u kif kellna fil-passat, ir-residenti tat-triq ikollhom problema jekk dan isir, minħabba l-ħsejjes tat-tħabbit u brejkijiet meta l-karozzi jgħaddu minn fuqhom.

24.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva talba biex isir *double yellow line* fil-kantuniera tas-*service road* ta' Triq Tal-Fieres k/m Triq Ħal Safi minħabba li l-vetturi tas-servizzi ma jkunux jistgħu jgħaddu jekk ikun hemm karozza pparkjata.

24.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan l-ilment u ġie deċiż li jsiru *double yellow lines* fil-kantuniera.

24.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment minn residenta li toqgħod fi Triq l-Aħfar biex issir *electric vehicle charging station* f'dik l-akwata.

24.5.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qalu li infatti meta l-Kunsill kien intalab jissuġerixxi post fejn issir *charging station*, il-Kunsill kien issuġġerixxa propjament l-*area* ta' Ġnien Rousset.

24.5.3.2 Il-Kunsilliera qablu li dan is-suġġeriment għandu jgħaddi għand il-Ministru meta l-Kunsill ser ikun qed jiltaqa' magħha u ninfurmawha li l-Kunsill kellu suġġerimenti mingħand ir-residenti biex iċ-*charging station* issir fl-*area* ta' Kirkop 2.

24.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fis-sistema tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 24.6 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji Annwali 2021

24.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-Estimi Finanzjarji Annwali finali għas-sena 2021.

24.6.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali finali għas-sena 2021, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 24.7 *Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill

24.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill.

24.7.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-kontenut ta' dawn l-*appraisals* u għaldaqstant il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dawn l-*appraisals* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 24.8 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

24.8.1 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv.

24.8.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-kontenut ta' dan l-*appraisal* u għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dan l-*appraisal* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 24.9 Laqgħa mal-Kumitat Ismijiet tat-Toroq

24.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera preżenti li kellha laqgħa mal-iStreet Naming Committee, fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali, rigward proġett ġdid li qed isir minn naħa tagħhom biex ikun jista' jsir ir-Reġistru tal-Indirizzi.

24.9.2 Dan il-proġett ser isir fl-irħula kollha ta' Malta u Għawdex u Hal Kirkop, peress li huwa raħal żgħir intgħażel bħala proġett pilota. Infatti diġa sar studju sħiħ fuq it-toroq ta' Hal Kirkop u l-iStreet Naming Committee kien bgħat lista ta' nuqqasijiet li nstabu.

24.9.3 Fejn hemm tabelli neqsin dawn ser jiġu ordnati biex it-toroq ta' Hal Kirkop isiru kollha kif suppost. Apparti hekk tinħass il-ħtieġa li fejn hemm appartamenti, dawn għandu jkollhom numru tal-bieb li jkompli ma' dak tal-kumplament tat-triq. F'dan il-każ trid tinbidel it-triq kollha u r-residenti kollha jkollhom ibiddlu l-karta tal-identità.

24.9.4 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qalu li ser jinħoloq chaos sħiħ jekk ser jinbidlu n-numri tal-appartamenti kollha. Biss jekk dan huwa proġett li jrid isir f'Malta kollha l-Kunsill ma jistax joġġezzjona u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jidħol responsabbli għal x'ser isir u r-responsabilita għandha tinġarr kollha mill-Uffiċċju Elettorali li għandu jara li l-affarijiet isiru bl-inqas impatt fuq ir-residenti.

24.9.5 Apparti hekk Triq ġdida fi Triq Taż-Żebbiegħ (wara l-Katakombi) għandha bżonn tingħata isem ġdid. Il-Kunsilliera għandhom jaħsbu dwar idejat għal isem ġdid sabiex jitressqu quddiem l-iStreet Naming Committee.

## 24.10 Laqgħa tas-Sotto Kumitat Ġemellaġġ

24.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-minuti tal-aħħar laqgħa tas-Sotto Kumitat Ġemellaġġ.

24.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-membri tas-Sotto Kumitat kienu qablu dwar diversi proposti li xtaqu li jressqu quddiem il-Kunsill għall-kunsiderazzjoni.

24.10.3 Dawn il-proposti jinkludu ħidma mal-klabb tal-futbol bl-ideja li jiġi organizzat *tournament*, ħidma mal-każini tal-baned bl-ideja li jkun organizzat kunċert u idejat oħra ta' skambji, żieda fil-membri tas-Sotto Kumitat biex kulħadd ikollu dekasteri u ħidma fuq Fondi Ewropej li jistgħu jintużaw biex jitkabbar dan il-ġemellaġġ.

24.10.4 Il-Kunsilliera ser ikunu qed jibgħatu l-idejat tagħhom dwar dawn il-proposti lis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun tista' tagħti *feedback* lis-Sotto Kumitat.

## 24.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

24.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 110 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

24.11.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 110 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 24.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

24.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2021 fl-16:30hrs.

24.12.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:30hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 22 ta' Frar, 2021

**Mozzjoni Ref:** 126/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 22.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 21 ta' Jannar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 127/21/9

**Mozzjoni:**

Biex isir kuntratt mal-*Accountant* bil-ħlas rivedut.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 21 ta' Jannar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 128/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat li x-xogħol tal-ġebel biex tiġi rranġata l-grada tal-Kunsill isir skont l-istima ta' €1600.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Terence Agius

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 21 ta' Jannar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 129/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 21 ta' Jannar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 130/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali finali għas-sena 2021.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 21 ta' Jannar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 131/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut mal-*appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 21 ta' Jannar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 132/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut mal-*appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 21 ta' Jannar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 133/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 110.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 21 ta' Jannar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**